MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Numru. 628/2000

Il-Pulizija
(Sp Carlos Cordina)
vs
Paul Polidano, iben John, imwieled l-Ingilterra fl-10 ta' Ottubru, 1970, Karta ta' l-Identita numru 8064A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn it-30 u il-31 ta' Mejju, 1999 għal ħabta tal-10.45 p.m. ġewwa Marsaskala, bil-ħsieb li jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, jew iġib disordni fil-moħħ ta' Pierre Cachia u Brenda Farrugia minn Birżebbuġia u mir-Rabat, rispettivament, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fil-ġranet ta' qabel, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu u ġarr arma tan-nar u munizzjon barra minn xi fond jew f'post li jagħmel miegħu, mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi fil-ħin li għamel delitt kontra diversi persuni, kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi spara arma tan-nar wara nzul ix-xemx;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-Lm50 iżda mhux il-Lm500 għad-dannu ta' diversi persuni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.
Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi għandu jiġ rilevat li dan il-proċess inħarag fit-12 ta' Lulju, 2004 u kellu jiġi rikostruit mill-ġdid.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-31 ta' Mejju, 1999 għal ħabta tal-11.00 p.m. l-imputat kien mar iħabbat id-dar ta' missieru fejn qallu li xi ħadd kien qasmilhom l-erba' tyres ta' van Vauxhall Astra, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBB

612 u iz-‘zimel’ tat-tip E200 TYA kellu t-tyre ta’ quddiem tan-naħa tal-lemin imniżżel u dak tax-xelluq kien ftit imniżżel u kellu l-cover tal-valve maħlul. John Polidano niżel fit-triq ma ibnu l-imputat u ra l-ħsara. Hu daħal fil-van biex jara xegħel id-dawl biex jara sew it-triq u fil-pront ra van transit abjad ġej għal fuqu. Hu għaraf il-van li kien juzah ċertu Pierre Cachia. Il-van reġa lura bis-saħħa u fid-dawl tiegħu ra ċenter mal-ħajt. Ibnu Paul Polidano, l-imputat, ħataf is-senter u telaq jiġri wara l-van. L-imputat daħal fi Triq il-Qaliet u meta laħqu John Polidano rah lill-imputat iqum mill-art bis-senter ħdejh. Sakemm wasal ħdejh hu kien sema’ xi tlieta jew erba’ tiri.

Illi l-versjoni li l-imputat ta lill-pulizija hi la meta daħal fi Triq il-Qaliet, hu ġie mal-van li ġibed għal fuqu u waqqgħu. Minn mal-art l-imputat spara s-senter li laqgħat il-van.

Mill-provi prodotti dawn huma l-uniċi provi prodotti billi ebda persuna oħra li kienet prezenti għall-inċident ma offriet ix-xhieda tagħha.

Ma hemm ebda prova li hu pprova jikkaġuna ħsara fuq il-persuni ta’ Pierre Cachia jew ta’ Brenda Farrugia. Kif ukoll ma hemm ebda prova li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu s-senter li kien misruq. Hu sab is-senter fit-triq u użah. Hu verosimili li tali senter kien fil-pussess ta’ dawk il-persuni li wettqu l-ħsara fuq il-vetturi hawn fuq imsemmija.

Illi jirrizulta li l-imputat spara l-arma in kwistjoni għad-difiza tiegħu personali u biex ibeżża l-aggressuri li kienu tefgħu mal-art b’daqqa ta’ vettura.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------